MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Numru. 74/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR NIKOLAI SANT**

**KONTRA**

**MARY LOUISE SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Mary Louise Spiteri ta’ 23 sena, bint Michael u Genevieve nee’ Grech, mwielda Pieta nhar l- 20 ta’ Awissu 1985, residenti fil- fond 34, Mon Cheri, Triq Ganni Bonnici, Zebbug, Malta u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 446885(M);

Li giet mressqa quddiemha sabiex twiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar l- 1 ta’ Dicembru 2008 ghall- habta ta’ 3.30hrs gewwa Triq is- Salina, Naxxar, waqt li kienet qieghda ssuq il- vettura tal- ghamla Fiat Punto bin- numru tar-registrazzjoni REN 135:

1) involontarjament ikkagunat griehi ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Gordon Barbara min- Naxxar u dan skond kif iccertifikat Dr. Konrad Borg M.D Reg no. 2631 tal- Isptar Mater Dei;

2) saqet l- imsemmija vettura b’giri aktar milli jmissha;

3) talli saqet l- imsemmija vettura b’manjiera traskurata;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata, irregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza ttrattat incident awtomobilistiku fid-data, lok u hin indikati, fejn l-imputata tilfet il-kontroll tal-vettura misjuqa minnha u habtet go sigra, b’ konsegwenza li l-vettura taghha garrbet hsarat, u l-passiggier riekeb

maghha, l-gharus taghha Gordon Barbara, sofra griehi li hin minnhom kienu kklassifikati bhala gravi tant li kien fil-periklu tal-mewt. Fortunatament ma kien hemm ebda konsegwenzi gravi wara dan l-incident, u l-unika offiza li sofra Barbara hi marka twila madwar tlitt centimetri fuq wiccu, in-naha tax-xellug taht haddejh. Inoltre hu informa l-Qorti li ghadu f' relazzjoni mal-imputata, u ma jixtieqx lid an l-incident ikollu xi konsegwenzi penali fuqha. L-Ufficjal Prosekutur, min-naha tieghu, informa l-Qorti li dan kien incident ghal kollox sfortunat, u ma kienx hemm konsegwenzi ohra hlief dawk indikati f' din il-kawza. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali netta tal-imputata, u tal-eta' tenera taghha, u tifhem li ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 226 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmija imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil- kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------